Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' April 2026**
**(OR. en)**

**7850/26**

**CDR 55**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar disa' membri, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/…**

**ta' …**

**li taħtar disa' membri,**
**proposti mir-Repubblika Portugiża,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Portugiż,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71[2], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Ricardo Bruno ANTUNES MACHADO RIO, is-Sur Pedro Miguel CÉSAR RIBEIRO, is-Sur Luis Miguel CORREIA ANTUNES, is-Sur Basílio Adolfo DE MENDONÇA HORTA DA FRANCA, is-Sur Aires Henrique DO COUTO PEREIRA, is-Sur Vítor Manuel MARTINS GUERREIRO, is-Sur José Manuel PEREIRA RIBEIRO, is-Sur José Agostinho RIBAU ESTEVES, u s-Sur Carlos André TELES PAULO DE CARVALHO, saru vakanti s-siġġijiet ta' disa' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

---

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

(4) Il-Gvern Portugiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: is-Sur Luís António DA ENCARNAÇÃO, *Presidente da Câmara Municipal de Lagoa, Algarve* (Sindku ta' Lagoa, Algarve), is-Sa Inês DE SAINT-MAURICE ESTEVES DE MEDEIROS VICTORINO DE ALMEIDA, *Presidente da Câmara Municipal de Almada* (Sindku ta' Almada), is-Sur Hugo Manuel DOS SANTOS MARTINS, *Presidente da Câmara Municipal de Odivelas* (Sindku ta' Odivelas), is-Sur Carlos Manuel FÉLIX MOEDAS, *Presidente da Câmara Municipal de Lisboa* (Sindku ta' Liżbona), is-Sur José Manuel GONÇALVES, *Presidente da Câmara Municipal de Peso da Régua* (Sindku ta' Peso da Régua), is-Sur Luís Filipe MENEZES LOPES, *Presidente da Câmara Municipal de Gaia* (Sindku ta' Gaia), is-Sa Luísa Maria NEVES SALGUEIRO, *Presidente da Câmara Municipal de Matosinhos* (Sindku ta' Matosinhos), is-Sa Maria Helena TEODÓSIO GOMES DE OLIVEIRA, *Presidente da Câmara Municipal de Cantanhede* (Sindku ta' Cantanhede), u s-Sur João VASCONCELOS BARROS RODRIGUES, *Presidente da Câmara Municipal de Braga* (Sindku ta' Braga),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

– is-Sur Luís António DA ENCARNAÇÃO, *Presidente da Câmara Municipal de Lagoa, Algarve* (Sindku ta' Lagoa, Algarve),

– is-Sa Inês DE SAINT-MAURICE ESTEVES DE MEDEIROS VICTORINO DE ALMEIDA, *Presidente da Câmara Municipal de Almada* (Sindku ta' Almada),

– is-Sur Hugo Manuel DOS SANTOS MARTINS, *Presidente da Câmara Municipal de Odivelas* (Sindku ta' Odivelas),

– is-Sur Carlos Manuel FÉLIX MOEDAS, *Presidente da Câmara Municipal de Lisboa* (Sindku ta' Liżbona),

– is-Sur José Manuel GONÇALVES, *Presidente da Câmara Municipal de Peso da Régua* (Sindku ta' Peso da Régua),

– is-Sur Luís Filipe MENEZES LOPES, *Presidente da Câmara Municipal de Gaia* (Sindku ta' Gaia),

– is-Sa Luísa Maria NEVES SALGUEIRO, *Presidente da Câmara Municipal de Matosinhos* (Sindku ta' Matosinhos),

– is-Sa Maria Helena TEODÓSIO GOMES DE OLIVEIRA, *Presidente da Câmara Municipal de Cantanhede* (Sindku ta' Cantanhede), u

– is-Sur João VASCONCELOS BARROS RODRIGUES, *Presidente da Câmara Municipal de Braga* (Sindku ta' Braga).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*